

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi insostenn tar-rikors tagħha li jikkonċernaw il-ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali, kif ukoll ksur tat-Trattati u tar-regoli tad-dritt li jikkonċernaw l-applikazzjoni tagħhom: ksur tad-dritt għal smiġħ, ksur tal-obbligu ta' notifika, motivazzjoni insuffiċjenti, ksur tad-drittijiet tad-difiża u żball manifest ta' evalwazzjoni.

Ir-rikorrenti tqis li l-Kunsill naqas milli jisma' lir-rikorrenti u kiser l-obbligu tiegħu li jinnotifika lir-rikorrenti. Barra minn hekk, il-Kunsill naqas milli jagħti motivazzjoni suffiċjenti, liema nuqqas ġie inkrementat bin-nuqqas tal-Kunsill li jwiegħeb għat-talbiet tar-rikorrenti għal aċċess għal dokumenti u għal żvelar ġenerali. Permezz ta' dawn in-nuqqasijiet, il-Kunsill kiser id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, li għet imċaħħda l-possibbiltà li targħġi b'mod effettiv kontra l-konstatazzjonijiet tal-Kunsill, galadarrba dawn il-konstatazzjonijiet ma' ġewx ikkomunikati lir-rikorrenti. Bil-kontra tal-allegazzjoni tal-Kunsill, ir-rikorrenti ma hijiex "kumpannija fittizja ta' kopertura" għan-National Iranian Oil Company (NIOC), u fi kwalunkwe każ il-Kunsill ma ssostanzjax l-argument li s-sempliċi fatt li r-rikorrenti għet stabbilita bħala sussidjarja ta' NIOC huwa suffiċjenti sabiex jinħoloq beneficiċju ekonomiku għall-Istat Iranjan kontra l-għan tal-miżuri kkontestati. Barra minn hekk, il-Kunsill kiser b'mod ċar id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti u fl-aħħar nett wettaq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2013 — Bank Mellat vs Il-Kunsill

(Kawża T-160/13)

(2013/C 147/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Bank Mellat (Tehran, l-Iran) (rappreżentanti: S. Zaiwalla, P. Reddy, F. Zaiwalla, Solicitors, D. Wyatt, QC, u R. Blakeley, Barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla l-Artikolu 1(15) tar-Regolament tal-Kunsill (EU) Nru 1263/2012 (¹); u/jew
- tannulla l-Artikolu 1(15) tar-Regolament tal-Kunsill (EU) Nru 1263/2012 sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti; u
- tiddikjara l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK (²) inapplikabbi għar-rikorrenti; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

- (1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-embargo finanżjarju ma huwiex "miżura meħtieġa" u għaldaqstant ma għandux bażi legali skont l-Artikolu 215 TFEU peress li ma huwiex marbut b'mod razzjonali mal-għan rilevanti tal-politika barranija.
- (2) It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-embargo finanżjarju huwa fi kwalunkwe każ sproporzjonat mal-għan tal-politika barranija allegatament imfitteg u għaldaqstant ma għandu l-ebda bażi legali skont l-Artikolu 215 TFEU.
- (3) It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-embargo finanżjarju jmur kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari, l-Artikolu 215(3) TFEU, imur kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali, nuqqas ta' arbitrarjetà u kontra r-rekwiżit li s-sanzjonijiet ikollhom il-garanziji ġuridiċi neċċesarji.
- (4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-embargo finanżjarju jikser id-dritt għall-proprijetà, id-dritt għall-kummerċ u d-dritt għall-moviment liberu tal-kapital tar-rikorrenti u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1263/2012, tal-21 ta' Diċembru 2012, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 356, p. 34)

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK, tal-15 ta' Ottubru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 58)

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2013 — Magic Mountain Kletterhallen et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-162/13)

(2013/C 147/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Magic Mountain Kletterhallen GmbH (Berlin, il-Ġermanja); Kletterhallenverband Klever e.V. (Leipzig, il-Ġermanja); Neoliet Beheer BV (Son, il-Pajjiżi l-Baxxi); u Pedriza BV (Haarlem, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: M. von Oppen u A. Gerdung, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla fis-sens tal-Artikolu 264(1) TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 8761 finali, tal-5 ta' Diċembru 2012, dwar l-għajnejha mill-Istat SA.33952 (2012/NN) — il-Ġermanja, tagħmir għal telgħat fuq il-muntanji tad-Deutscher Alpenverein

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

Ir-rikorrenti jsostnu f'dan il-kuntest li, il-Kummissjoni wettqet żball meta ddikjarat l-għajnuna inkwistjoni bħala kompatibbli mas-suq intern, peress li r-rekwiżiti tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE ma humiex preżenti. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll, li l-għajnuna ma għandhiex għan ta' interessa komuni. F'dan ir-rigward, huma jżidu li dan l-interess huwa preżenti biss f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' funzjonament tas-suq, li f'dan il-każ huwa nieqes. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll, li ma hemm ebda kompatibbiltà fis-sens tal-Artikolu 106(2) TFUE. Minbarra dan, ir-rikorrenti huma tal-fehma li tali għajnuna ma hijiex xierqa sabiex issolvi l-problemi relatati mal-effiċċjenza fis-suq. Minbarra dan din l-għajnuna ma għandha ebda effett ta' incēntiva. Il-Kummissjoni sempliċement tippreżupponi effetti simili ta' incēntiva. Barra minn hekk, din l-għajnuna ma hijiex xierqa. Il-Kummissjoni tippreżupponi sempliċement, li l-awtoritajiet nazzjonali kienu żguraw il-proporzjonalità tal-għajnuna individwali u li bi żball ibbażat din il-preżunzjoni fuq l-istatus ta' utilità pubblika tal-assoċjazzjoni inkwistjoni. Ir-rikorrenti jakkużaw ukoll lill-Kummissjoni bin-nuqqas ta' eżami ta' evalwazzjoni. Il-Kummissjoni ma evalwatx l-effetti negattivi u pożittivi tal-għajnuna. Fl-aħħar nett, f'dan ir-rigward għandu jiġi sostnūt li, fkaż ta' dubju, l-għajnuna lill-impriżi (u l-għajnuna inkwistjoni hija fil-parti l-kbira tagħha għajnuna lill-impriżi) hija kkunsidrata bħala inkompatibbli mas-suq intern.

(2) It-tieni motiv: żball li jirriżulta mill-assenza ta' ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formal

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni żbaljat meta naqset milli tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formal, minkejja d-diffikultajiet serji fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern. Indikatur ta' din id-diffikultà huwa t-tul ta' żmien twil tal-proċedura ta' investigazzjoni preliminari — f'dan il-każ iktar minn sena. Minbarra dan il-Kummissjoni ma żguratx investigazzjoni suffiċċienti fir-rigward tal-fatti neċċessarji għall-evalwazzjoni. Fil-fehma tar-rikorrenti, l-investigazzjoni neċċessarja u fil-fond tas-suq tat-tagħmir għal telgħat fuq il-muntanji setgħet saret unikament fil-kuntest ta' proċedura ta' investigazzjoni formal. Minbarra dan, l-ilmenti eżaminati mill-Kummissjoni qajmu kwistjonijiet legali kunsiderevoli fir-rigward tal-għajnuna għall-attivitajiet ekonomiċi ta' assoċjazzjonijiet ta' utilità pubblika. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li huma minbarra dan, impriżi u/jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi kompetituri interessati fis-sens tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, u li għandhom dritt li jiippreżentaw osservazzjoni jiet fir-rigward tal-proċedura ta' investigazzjoni formalis fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE, dritt li ġew miċħuda minnu minħabba ommissjoni illegali ta' ftuħ tal-proċedura.

Rikors ippreżzentat fil-15 ta' Marzu 2013 — Sun Capital Partners vs UASI — Sun Capital Partners (SUN CAPITAL)

(Kawża T-164/13)

(2013/C 147/47)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sun Capital Partners, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: P.-A. Dubois, Solicitor, D. Alexander, QC u F. Clark, Barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sun Capital Partners Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Bord tal-Appell; u/jew
- tirrivija l-kwistjoni għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid mill-Bord tal-Appell;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż inkorsi mill-applikant quddiem il-Bord tal-Appell;
- tordna lil SCPL tbat l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż inkorsi mill-applikant quddiem il-Bord tal-Appell, fil-każ li SCPL issir intervenjenti fil-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja reregistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali "SUN CAPITAL" — regiżazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 2 942 654

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob l-invalidità tat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Motivi għat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: il-motivi tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kienu dawk stabbiliti fl-Artikoli 53(1)(c) u 8(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: trade mark Komunitarja kkontestata ddikjarata invalida